# BirdLife Malta tiddeplora attakk fiżiku mill-Kap Eżekuttiv tal-FKNK Lino Farrugia

## Iċ-Chairman tal-ORNIS kostrett jissospendi laqgħa tal-Kumitat

BirdLife Malta tinsab ixxukkjata bl-attitudni aggressiva u l-attakk fiżiku tal-Kap Eżekuttiv tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti Lino Farrugia wara argument ma' uffiċjali għoli tal-gvern u kap tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (WBRU) Richard Lia aktar kmieni llum waqt laqgħa tal-Kumitat ORNIS. Dan wassal biex iċ-Chairman tal-Kumitat kien kostrett jissospendi l-laqgħa tal-Kumitat.

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana qal: "Waqt li rridu nesprimu s-solidarjetà tagħna mas-Sur Lia, ma nistgħux nifhmu kif fiż-żminijiet tal-lum għad għandna lil-lobby tal-kaċċaturi mmexxija minn nies li ma jiddejqux jirrikorru għal abbuż fiżiku biex jieħdu li jridu. Dan hu inaċċettabbli. Aħna ktibna lill-Ministri konċernati u tlabna li tittieħed azzjoni immedjata u s-Sur Farrugia jiġi sospiż darba għal dejjem mill-Kumitat ORNIS.

Qed nitolbu dan sabiex nuru sapport kollettiv lejn is-Sur Lia waqt li jintbagħat messaġġ ċar li azzjonijiet bħal dawn mhumiex aċċettabbli aktar fis-soċjetà, aktar u aktar f'entitajiet appuntati mill-gvern. Qed nitolbu dan ukoll għas-sigurtà u s-serenità tal-membri l-oħra tal-Kumitat, inkluż dawk ta' BirdLife Malta li jixirqilhom iħossuhom siguri f'laqgħat bħal dawn. Wieħed jista' jiddibatti l-argumenti b'mod ċivili imma li jirrikorri għall-abbuż fiżiku ma jistax jiġi aċċettat u għandu jiġi ddeplorat minn kulħadd."

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org